31995R2230

22.9.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 225/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2230/95

tal-21 ta' Settembru 1995

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 933/94 li jistipula s-sustanzi attivi ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti jinnomina l-Istati Membri li għandhom jirraportaw dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti fis-suq [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/36/KE [2],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992, li jistipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol li għalih jirreferi l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE dwar it-tqegħid ta' prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti fis-suq [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 491/95 [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 5(2) u 6(5) ta' l-istess,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 933/94 [5], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 491/95, jistipula li s-sustanzi attivi ta' prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti u jinnomina l-Istati Membri li għandhom jirraportaw dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92;

Billi r-Regolament (KE) Nru 491/95 emenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3600/92 u (KE) Nru 933/94 biex jieħdu kont ta' l-impatt possibbli tas-sħubija ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u biex jipprovdu għall-integrazzjoni ta' l-awtoritajiet nominati u l-produtturi (inklużi importaturi ta' sustanzi attivi prodotti barra l-Komunità) ta' dawk it-tliet Stati Membri fi ħdan l-ewwel programm ta' xogħol li għalih jirreferi l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE; billi huwa meħtieġ li jiġi fissat limitu ta' żmien ġdid għas-sottomissjoni ta' rapporti mill-produtturi li nnotifikaw skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (1a) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92;

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 6(4) u (5) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 għandu jiġi ffissat terminu ġdid għas-sottomissjoni tar-rapporti li jikkonċernaw ċerti sustanzi attivi, a bażi tar-raġunijiet rapportati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri li għandhom jirraportaw fejn intwera li dewmien ġie kkawżat mill-isforzi biex jiġu ppreżentati dokumenti kollettivi jew minħabba li ġie appuntat Stat Membru ġdid biex jirrapporta jew minħabba forza maġġuri;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 933/94 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-segwenti paragrafu 3a:

"3a. Il-produtturi, stabbiliti fl-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, li ssottomettew in-notifikazzjonijiet fiż-żmien stipulat skond l-Artikolu 4(1a) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 huma elenkati fl-Anness IA li jinsab ma' dan ir-Regolament b'kodiċi ta' tlett ittri mas-sustanza attiva korrispondenti. L-isem u l-indirizz ta' kull produttur huwa identifikat għal kull kodiċi fl-Anness IIA li jinsab ma' dan ir-Regolament."

2. L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:

"*Artikolu 2*

1. It-terminu għas-sottomissjoni lill-Istati Membri li qed jirraportaw tad-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fit-tielet indent ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 huwa ffissat għat-30 ta' April 1995.

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 172, tat-22.7.1995, p. 8.
[3] ĠU L 366, tal-15.12.1992, p. 10.
[4] ĠU L 49, ta' l-4.3.1995, p. 50.
[5] ĠU L 107, tat-28.4.1994, p. 8.

2. It-terminu msemmi fil-paragrafu 1 huwa estiż sal-31 ta' Ottubru 1995 għal dawk li għandhom jinnotifikaw li huma elenkati fl-Anness I, barra minn dawk li jkunu nfurmaw lill-Istat Membru li qed jirrapporta u lill-Kummissjoni bl-irtirar tagħhom mill-programm ta' xogħol skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, għas-sustanzi attivi li ġejjin:

Alachlor

Amitraz

Bromoxynil

Carbendazim

Chlorothalonil

Chlorpyrifos

Chlortoluron

Cypermethrin

2,4-D

Deltamethrin

Desmedipham

Endosulfan

Ethofumesate

Fentin acetate

Fentin hydroxide

Fenvalerate

Glyphosate

Ioxynil

Isoproturon

Lindane

Linuron

Mancozeb

MCPA

Mecoprop

Mecoprop-P

Metalaxyl

Methamidophos

Metsulfuron

Paraquat

Parathion-methyl

Pendimethalin

Permethrin

Phenmedipham

Propyzamide

Simazine

Thiophanate-methyl

Thiram

Zineb

Ziram

3. It-terminu msemmi fil-paragrafu 1 huwa estiż sat-30 ta' April 1996 għal dawk li għandhom jinnotifikaw u li huma stabbiliti fl-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u elenkati fl-Anness IA."

3. L-Annessi IA u IIA huma miżjuda, kif muri fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Settembru 1995.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS IA

Lista addizzjonali ta' dawk li għandhom jinnotifikaw (kodifika ta' identifikazzjoni)

Sustanza Attiva	Kodiċi ta' min għandu jinnotifika
Aċefat	BUY
Klorpifos	SAC
Propikonażol	SAC
Maleic hydorzide	DAH
Glifożat	SAC"

"ANNESS IIA

Lista addizzjonali ta' dawk li għandhom jinnotifikaw kodifika ta' identifikazzjonijiet, ismijiet u indirizzi

Kodiċi ta' identifikazzjoni	Isem	Indirizz
BUY	B & S Buy & Sell GmbH	Schloßgraben 16 A-6800 Feldkirch
DAH	S Dahlberg	Borgstigen 9 S-133 33 Saltsjöbaden
SAC	Sanachem GmbH	Kolingasse 19 A-1090 Wien"